# L-Istatwi tal-festa li jżejnu t-toroq ta' Ħal Balzan

© Anton Camilleri Dip.LIS



Din is-sena hi sena speċjali għall-każin San Gabriel, għax qed ifakkar għeluq id-disgħin sena minn meta grupp ta' rġiel ħasbu li jwaqqfu każin ieħor fir-raħal. Għalihom l-iskop ewlieni kien li jieħu ħsieb l-armar u t-tiżjin tal-festa ta' barra li ssir ad unur ta' Marija Annunzjata.[1]

Biż-żmien ma' dan l-iskop żdiedu ħafna u ħafna oħra biex il-każin tal-Banda San Gabriel hu dak li hu llum, punt importanti fil-ħajja soċjali u kulturali ta' Ħal Balzan.

It-tiżjin kemm ta' ġewwa l-knisja kif ukoll ta' barra, hu element importanti f'kull festa. Għalkemm mhux kollox ġo festa reliġjuża, iżda jdaħħalna f'atmosfera ta' ċelebrazzjoni f'ġieħ il-patrun/a tar-raħal jew belt fejn tkun qed issir il-festa. Bħal kull raħal ieħor f'Malta, Ħal Balzan mhux nieqes minn tiżjin li sar matul is-snin, u li jagħmel ġieħ lil dawk li ħadmuh, fosthom sett ta' statwi li jżejnu t-triq ta' quddiem il-knisja u l-pjazza. Ma' dawn kien hemm oħrajn, li għal xi raġuni jew oħra llum ma għadhomx jintramaw.

## L-Istatwa tal-Anġlu

Jidher li l-ewwel statwa li bdiet tintrama f'Ħal Balzan hi dik magħrufa bħala tal-Anġlu, xogħol l-istatwarju Vincenzo Cremona. Din turi anġlu qiegħed jittajjar li f'idu x-xellugija qed iżomm ġilju waqt li fl-oħra għandu lanza. L-istatwa, li kien ħallas għaliha l-Konti Francesco Manduca, tolqot l-għajn għax kif inhi maħduma turi bilanċ, li jagħti dehra ħajja lill-Anġlu.[2] Din tintrama fil-ġenb tal-pjazza, u għal xi żmien fil-bidu tas-seklu 20 wara l-festa kienet tinżamm fid-dar ta' Luqa Agius.[3] Fl-1990 waqt restawr li sar fuqha mis-Sur Alfred Muscat, instabet skrizzjoni li tindika li din l-istatwa nħadmet fl-1898.[4]

## L-istatwa tal-Papa Ljun XIII ssir fl-1900

It-tieni statwa li saret biex tintrama fit-toroq għall-festa hi dik tal-Papa Ljun XIII, il-Papa tal-Enċiklika *Rerum Novarum*.[5] Din saret fl-1900 mill-*Casino L'Annunziata* bit-tħabrik tas-Sur Eduardo Borg, xogħol ukoll ta' Vincenzo Cremona, u bdiet tintrama għall-festa ta' dik is-sena.[6] Meta fl-1946





L-istatwa tal-Anġlu li llum tintrama fil-ġenb tal-pjazza, imma f'dan ir-ritratt din l-istatwa tidher armata mal-ġenb tal-Knisja u quddiem is-sede tas-Soċjetà meta kienet fil-pjazza fl-1925. Innota l-mensoli tal-ġebel li qegħdin fuq il-pedestall. Dawn il-mensoli aktar tard fis-snin disgħin saru tal-injam mill-mibki Vallent Azzopardi.

beda jsir il-marċ tal-aħħar tridu din l-istatwa kienet tiddawwar mat-toroq ta' Ħal Balzan qabel titpoġġa f'postha quddiem il-Każin Marija Annunzjata, fil-misraħ ta' quddiemu.[7] Kienet tintrama fuq pedestall għoli, li mad-dawra tiegħu kien hemm numru ta' anġli jżommu simboli Ewkaristiċi, u fuq pedestall iżjed għoli minnhom kienet titpoġġa l-istatwa tal-Papa qiegħed ibierek. Skont xi nies din kienet saret għaċ-ċentinarju tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla, jew aħjar is-Sena Mqaddsa tal-1900, li tħabbret mill-istess Papa f'San Pietru fil-Vatikan fil-25 ta' Mejju, 1899.[8]

Fl-1948 Pawlu Chetcuti, membru tal-Każin Marija Annunzjata, kien irrestawraha u żebagħha, iżda biż-żmien ma baqgħetx tintrama.[9] Fl-1982, il-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Tarcisio Delicata kien ħa ħsieb jirrestawraha, iżda s'issa għadha ma ġietx armata għall-festa.[10]

## L-Istatwarju Vincenzo Cremona

Barra dawn iż-żewġ statwi li ntgħoġbu mill-Balzanin, Cremona ġie mqabbad biex jagħmel ukoll xi statwi minn dawk li huma magħrufa bħala l-profeti. Dak iż-żmien Cremona kien imfittex u magħruf ma' Malta kollha għall-istatwi sbieħ li kien jagħmel mill-kartapesta, u li ħafna minnhom għadhom jintramaw fit-toroq ta' diversi rħula. Fost dawn nista' nsemmi s-sett ta' 12-il statwa li jintramaw fi Triq Santa Luċija fin-Naxxar għall-festa ta' Marija Bambina, li xi personaġġi minnhom jixbhu lil dawk li għamel għal Ħal Balzan.[11] Statwi oħra tiegħu jinsabu fir-Rabat Għawdex li jintramaw għall-festa ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi għall-festa ta' San Ġorġ, fil-Belt Valletta għall-festi ta' San Pawl u San Duminku, fil-Furjana għall-festa ta' San Publiju, fiż-Żejtun u fiż-Żurrieq għall-festa ta' Santa Katarina speċjalment l-istatwa tal-martirju ta' Santa Katarina, grupp ta' xi għaxar personaġġi magħrufa bħala 'r-rotta l-kbira'.[12] Ma' dawn wieħed jista' jżid ukoll l-istatwa titulari ta' Stella Maris għall-Parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, li baqgħet isservi sal-1891, meta kienet inġiebet minn Pariġi dik li hemm illum.

Cremona twieled il-Belt Valletta fid-19 ta' Frar 1851 minn Francesco u Paola Bonello u ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali tal-Porto Salvo l-Belt Valletta. Fl-1856, il-familja Cremona marret toqgħod f'Tas-Sliema, fejn Vincenzo baqa' sakemm miet fid-dar tiegħu f'nru 50 fi Triq Falzon fis-27 ta' Jannar, fl-1912 fl-għomor ta' 61 sena.

Permezz ta' għajnuna mill-Gvern Malti Vincenzo kien intgħażel biex imur jistudja l-arti f'Napli taħt id-direzzjoni tal-Professuri Corazza, Masi u Marchino. Meta rritorna Malta laħaq xenografu tat-*Teatro Reale*. Kien iżjed tard li hu beda jagħmel xogħol ta' statwarju, mill-ħanut tax-xogħol tiegħu li kellu fi Strada Cattedrale Tas-Sliema. Hu kien magħruf għas-sengħa tiegħu speċjalment kif kien jimmudella l-istatwi tiegħu, kollhom ħlewwa, b'qagħdiet drammatiċi u mżejna bi lbies u lwien ħajjin u jfakkruk bla ma trid fil-kostumi tat-teatru.

## L-ewwel statwi tal-Profeti jaslu Ħal Balzan fl-1901

Din il-ħlewwa u t-teatralità tidher ukoll fl-istatwi, li l-*Casino L'Annunziata* ordna mingħand Cremona. Bħal irħula oħra huma xtaqu li jarmaw dawn l-istatwi fit-triq ta' quddiem il-knisja. Biss ma kienx possibbli għalihom li jordnawhom f'daqqa. Għalhekk ordnaw ħamsa li kienu l-istatwi ta' Ġuditta, Ester, Abigail, Isaija u Danjel.

L-istatwi waslu Ħal Balzan minn Tas-Sliema l-Ħadd 24 ta' Frar 1901, meta saret festa żgħira fil-każin. Għal din il-festa kienu preżenti s-soċi, l-istatwarju Cremona u l-Kappillan Amabile Sisner, flimkien mal-Konti Francesco Manduca, President Onorarju tas-Soċjetà, li kien ħallas għal żewġ statwi, dik ta' Ester u Abigail. Skont kif irrappurtat il-gazzetta ta' dak iż-żmien *Malta*, iferrħu lil dawk miġbura f'dan il-festin kien hemm ukoll xi mużiċisti, li daqqew biċċiet mużikali. Fi tmiem il-festin il-Konti Manduca f'ismu u f'isem is-soċi tal-każin ippreżenta lil Cremona b'ċurkett tad-deheb bħala apprezzament, li fuq il-kaxxa li kien fiha kien hemm inċiża l-arma ta' Ħal Balzan. Dik is-sena l-istatwi kienu għall-wiri matul il-ġranet tal-festa.[13]



L-istatwi tal-Persunaġġi nisa Ester u Abigail li waslu Ħal Balzan fis-sena 1901.




Żewġ statwi tal-profeti David u Abraham li jintramaw fi Triq il-Kbira fl-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata.

L-istatwi l-oħra ta' Sofonija, Haggej, Eżekjel, David, Mosè u Abraham inħadmu iżjed tard matul is-snin. Jista' jkun li mhux kollha saru minn Cremona. Eżempju ta' dan hi l-istatwa ta' Mosè li saret fl-1925, ferm wara li Cremona kien miet. Din l-istatwa kien ġabar għaliha l-President tal-Każin San Gabriel, Luqa Agius. Meta dan kien qal lill-Kappillan bil-ħsieb tiegħu, dan qallu li Mosè ma kienx profeta, u lanqas kellu xi konnessjoni mal-Madonna bħal xi wħud mill-personaġġi. Iżda Luqa webbes rasu u għamlu, u biex jinki lill-Kappillan, Mosè beda jintrama ħdejn id-dar tal-kappillan.[14]

## Il-personaġġi u ħajjithom

Kif ktibt iżjed 'il fuq l-istatwi huma għaxra, Ester, Abigail, Isaija, Danjel, Sofonija, Haggej, Eżekjel, David, Mosè u Abraham. Tmienja jintramaw matul Triq il-Kbira u t-tnejn l-oħra Ester u Abigail jintramaw fuq iż-zuntier tal-knisja. Iżda għalkemm jissejħu l-Profeti, minn fosthom il-profeti huma biss Iżaija, Sofonija, Eżekjel, Haggaj u Danjel.

Tajjeb li hawn wieħed jgħid xi ħaġa fuq dawn il-personaġġi. Nibda bir-Reġina Ester, li minn tfajla fl-eżilju saret il-mara tar-Re Assweru, Sultan tal-Persja. F'din il-pożizzjoni hi setgħet taqbeż għall-poplu tagħha, il-poplu Lhudi, quddiem is-sultan u teħilsu mill-kundanna tal-mewt, minn dawk li xtaqu jagħmlulhom il-ħsara. Abigail kienet mart Nabal li kien raġel kattiv ħafna. Fil-ktieb ta' Samwel naqraw il-ġrajja ta' meta David iddispjaċut għal dak li kien għamillu Nabal, ħalef li jivvendika ruħu minnu, iżda Abigail ikkonvinċietu biex iwaqqaf il-vendetta tiegħu u rnexxielha. Meta Nabal miet, Abigail saret mart David.

Niġu issa għall-istatwi u nibdew minn Iżaija li kien iben Ghamoz, miżżewweġ u kellu żewġt itfal subien. Hu għex fl-aħħar nofs tas-seklu tmienja qabel Kristu, meta s-Saltna ta' Ġuda kienet imhedda mill-Imperu tal-Assirja. Is-sejħa tiegħu ta' profeta waslitlu fi żmien is-Sultan Ghuzzija f'viżjoni fit-tempju ta' Ġerusalemm. Sofonija kien profeta li pprietka fil-bidu tas-Saltna ta' Ġosija (640-609q.K.) ftit qabel il-profeta Ġeremija. Eżekjel kien profeta u qassis, wieħed fost l-ewwel eżiljati fil-Babilonja fis-sena 597 q.K. Għall-ewwel il-missjoni tiegħu kienet dik li jneħħi minn ras l-eżiljati sħabu l-ħolma li kienu se jerġgħu lura lejn arthom; anzi qalilhom li, jekk ma jindmux, Ġerusalemm kienet se tinqered għalkollox, kif fil-fatt ġara, għaxar snin wara fil-587 q.K. Statwa oħra hi dik tal-profeta Haggaj li kien wieħed mill-profeti magħruf bħala 'ż-żgħar'. Ftit nafu fuqu, u li nafu hu li kien l-ewwel profeta wara l-eżilju tal-Babilonja meta l-Lhud kienu reġgħu lura lejn arthom. Profeta ieħor hu Danjel, żagħżugħ Lhudi minn familja nobbli, li ttieħed fl-eżilju tal-Babilonja minn Nabukadnessar. Hu kien twaddab f'għar mal-iljuni u nħeles meta fisser il-ħolm lis-Sultan.

Ma' dawn irridu nżidu l-istatwa ta' Mosè li kien salvat mill-ilma tax-Xmara Nil, kif ifisser ismu. Meta kiber ħeles lill-poplu Lhudi minn taħt il-ħakma tal-Farawni, u wasslilhom l-għaxar kmandamenti li kien tah Alla, fuq il-muntanja Sinaj. L-istatwa l-oħra hi tas-Sultan David, Sultan ta' Iżrael li bena t-tempju ta' Ġerusalemm u għaqqad lill-poplu f'nazzjon qawwi. L-aħħar personaġġ hu Abraham, missier il-poplu ta' Iżrael, li bis-sejħa tiegħu minn Alla tibda l-istorja tas-Salvazzjoni.[15]

Biex dawn l-istatwi waslu sa għandna l-Balzanin ta' qabilna beżgħu għalihom hekk li fi żmien il-gwerra dawn kienu ntrefgħu fl-isqaq ta' Bramu fid-dar fejn kien joqgħod Antonio Bosio, biex kemm jista' jkun ma tiġrilhomx ħsara bil-bombi. Matul is-snin ukoll sarulhom diversi restawr, għax mhux darba jew tnejn li xxarrbu bix-xita meta l-festa kienet issir f'Marzu jew f'April. Matul is-snin dawn kienu rrestawrati minn Wiġi Ebejer, ex-segretarju tal-każin San Gabriel, u iżjed lejna mill-pittur Balzani Alfred Muscat.

## L-istatwa ta' Ġuditta

Fost dawn l-istatwi l-iżjed waħda li tingħata importanza hi dik ta' Ġuditta, li kienet tifforma parti mill-ewwel ħames statwi li kienu waslu Ħal Balzan fi Frar 1901. Meta kienet saret ma kinitx weħidha iżda magħha kien hemm ukoll l-istatwa ta' Holofreni bla ras minxur mal-art maġenbha. Ġuditta



L-istatwa mponenti ta' Ġuditta fuq Pedestall maestuż tiddomina f'nofs il-pjazza. Din l-istatwa waslet Ħal Balzan fl-1901. Il-pedestall ġie maħdum fl-1925wara li ngabbru fondi mis-soċjetà **Circolo San Gabriel**.

kienet tfajla Lhudija li biex teħles lill-poplu tagħha mill-imblokk li kien qed jagħmel Holoferni marret fil-kamp tiegħu, u meta kien rieqed qatgħatlu rasu. B'hekk il-poplu Lhudi ġie meħlus.

Għall-bidu din l-istatwa kienet titqiegħed fuq pedestall kwadru miżbugħ fil-forma ta' ħajt tal-ġebel. Fuqu kien hemm forma ta' blata kbira li fuqha setgħu joqogħdu ż-żewġ personaġġi. Dan il-pedestall, il-blata kif ukoll l-istatwa ta' Holoferni llum m'għadhomx jeżistu.[16] Ftit wara t-twaqqif taċ-*Circolo San Gabriel* eżattament fl-1925 bdew jinġabru fondi biex isir pedestall ġdid dak li naraw illum. Id-disinn tiegħu sar minn Valentino Falzon, u x-xogħol fl-injam inħadem minn Mikiel Micallef ex kaxxier tal-Każin San Gabriel u sħabu. Mikiel kien mgħallem mad-ditta magħrufa tal-għamara Gio Batta Delia tal-Belt Valletta. Ix-xogħol fuqu beda s-sena ta' wara. Ħaġa li tolqot l-għajn f'dan il-pedestall huma l-erba' angli li jinsabu fuq xkafef fil-kantunieri tal-pedestall. Dawn kienu nħadmu għand statwarju minn Ħal Qormi.[17]

L-istatwa ta' Ġuditta minn dejjem kienet tintrama qrib il-pjazza. Dari kienet tintrama f'nofs il-misraħ ta' maġenb il-knisja.[18] Meta twaqqa' l-bini u l-pjazza ġiet dik li hi llum il-pedestall ta' Ġuditta beda jintrama maġenb il-knisja, waqt li fl-1972 beda jitpoġġa fuq il-bankina kif għadu jsir sal-lum.[19] Bħall-istatwi oħra matul is-snin sar diversi restawr kemm fuq l-istatwa kif ukoll fuq il-pedestall. L-ewwel restawr sar fis-snin sebgħin minn Luigi Ebejer u wara minn Abraham Muscat. Iżjed tard it-tnejn kienu restawrati diversi drabi mill-pittur Alfred Muscat.

## L-istatwa tal-Papa Alessandru VII

Il-Papa Alessandru VII kien jaf sew lil Malta għax serva hawn bħala wieħed mill-Inkwiżituri bejn l-1634 u l-1639. Fabio Chigi, l-isem li kellu qabel laħaq Papa, twieled fl-1599 u serva ta' Papa minn April 1655 sakemm miet fl-1667. Ir-rabta li dan il-Papa għandu ma' Ħal Balzan hi għaliex kien hu li ftit wara li sar Papa għolla lil dan ir-raħal għal parroċċa fl-14 ta' Awwissu 1655 u firdu minn dik ta' Birkirkara, fi żmien meta din kienet immexxija mill-Balzani Dun Ġwann Battista Zarb.

Biex il-poplu ta' Ħal Balzan jibqa' jiftakar f'dan il-Papa, il-Konti Bernardo Manduca ħaseb li jagħmel statwa tiegħu biex tintrama fit-toroq għall-festa. L-istatwa li baqgħet magħrufa bħala 'tal-Konti' inħadmet għand l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri u waslet Ħal Balzan il-Ġimgħa 9 ta' April 1926 fl-aħħar jum tat-Tridu. Dakinhar wara l-barka l-istatwa ġiet imdawra mat-toroq tar-raħal, li xi wħud minnhom kienu mdawla bid-dawl elettriku, fost l-isparar u d-daqq tal-banda. Fl-aħħar l-istatwa tpoġġiet fuq pedestall qrib il-knisja.[20] Dan il-pedestall inħadem minn Giuseppi Gauci u tpoġġa quddiem il-Każin San Gabriel fejn illum l-istess wieħed qed jiġi armat biex fuqu tittella' l-istatwa ta' San Gabriel.[21]

Meta żmien wara l-Konti bena l-villa tiegħu fi Triq Sisner, u beda jieħu ħsieb l-armar ta' din it-triq u Triq San Valentinu, l-istatwa tal-Papa bdiet tiġi armata fi Triq San Valentinu quddiem il-villa tiegħu, Villa Macedonia, tħares lejn il-kunvent tal-Bon Pastur. Darba l-istatwa ġarrbet ħsara kbira bix-xita qawwija li għamlet għall-festa, u għalhekk ma baqgħetx tintrama iżjed. Illum l-istatwa ma għadhiex teżisti.[22]

## Iż-żewġ anġli ta' fuq iz-zuntier

L-istess Konti kien ħallas għal żewġ anġli li jintramaw wieħed kull naħa fuq iz-zuntier tal-knisja. Dawn kienu ordnati wkoll għand Wistin Camilleri. L-artist ħadem żewġ anġli jżommu l-brazzi, brazzi li minn mindu saru sal-lum tbiddlu kemm-il darba, bħalma kemm-il darba kienu restawrati, fosthom fl-2001 meta ġarrbu ħsara bir-riħ qawwi li kien għamel fil-festa ta' dik is-sena. Dawn l-anġli kienu saru bil-patt li, meta jkollha bżonnhom il-knisja biex tarmahom għal xi okkażjoni bħas-sepurklu, tkun tista' teħodhom.[23]

## L-Istatwa ta' Malta

Din l-istatwa, li kważi naraw waħda f'kull festa, kienet saret bl-inizjattiva ta' Gabriel Caruana,

President Onorarju tal-Każin San Gabriel. Din turi mara, li tirrappreżenta lil Malta, liebsa ta' gwerriera bix-xabla mgħollija u fl-id l-oħra qed iżżomm bandiera Maltija. Saret fl-1948 mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri, u kienet tintrama mhux regolarment fuq pedestall forma ta' torri. Fi żmien l-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II fl-1953 din l-istatwa bil-pedestall tagħha kienet armata l-Belt Valletta, mal-armar li kien sar għall-okkażjoni. Wara din id-data l-pedestall kien tkisser u għalhekk ma baqgħetx tkun armata. Kien hemm żmien meta kienet tintrama ħdejn il-kampnar tal-knisja fit-8 ta' Settembru, meta l-Kunsill Ċiviku ta' Ħal Balzan kien ifakkar ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir.[24] Fl-2002 Alfred Muscat irrestawraha bil-ħsieb li fil-futur isirilha pedestall ġdid u terġa' tibda tiġi armata għall-festa. Fil-fatt din ġiet armata għall-festa tas-sena 2009 fuq pedestall misluf minn Ħal Tarxien.

## L-erba' anġli tal-kuruna

Fil-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, il-Każin Marija Annunzjata kien għamel erba' anġli li jżommu l-erba' faxex li jinżlu minn kuruna kbira li kienet tiddendel f'nofs it-triq. Dawn kienu jiġu armati fi Triq il-Kbira ftit 'il fuq min-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena.

Il-flus għalihom inġabru minn Valent Chetcuti, meta fl-1950 kien kaxxier tal-istess Każin.[25] L-anġli nħadmu minn statwarju minn Ħal Qormi, waqt li l-pedestalli għalihom saru minn Indrì Gauci, fil-ħanut tiegħu li kellu fi Triq in-Naxxar. Illum dawn l-anġli ma għadhomx jintramaw għax kienu ġarrbu ħsara waqt maltemp li kien għamel. Il-kuruna reġgħet bdiet tintrama fl-istess post fl-istess post fl-1974.[24]

## L-istatwa żgħira tal-Lunzjata

Fis-sena 1989 intramat fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Santa Marija l-istatwa tal-Lunzjata aktarx xogħol Karlu Darmanin. Din hi kopja tal-istatwa tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, li kienet proprjetà tal-Konti Bernardo Manduca. Fil-fatt hi magħrufa bħala l-Lunzjata tal-Konti. Għal xi żmien din kienet tiġi mislufa lill-Każin San Gabriel biex tinġarr waqt il-marċ tal-aħħar Tridu. Wara l-mewt tal-Konti ġiet regalata lill-Każin fit-28 ta' Mejju 1986.[27] Għal xi żmien ma baqgħetx tintrama minħabba ħsarat li ġarrbet. Fl-2005 Alfred Muscat irrestawraha u taha dehra ġdida, b'hekk reġgħet bdiet tintrama fil-post ta' qabel.[28] Fl-2007 d-ditta *Abraham Woodworks* ħadmet pedestall għal din l-istatwa li ġie rregalat lill-Każin.

Illum l-istatwa qed tkun armata fil-pjazza.

## L-istatwa ta' San Gabriel

L-aħħar żieda ma' dawn l-istatwi li semmejt hi l-istatwa ta' San Gabriel. Għal xi żmien qabel



L-istatwa ta' San Gabriel maħduma mill-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi fl-1993 u restawrata mill-ġdid fl-2008.

is-sena 1993, waqt il-marċ tal-aħħar Tridu kienet titmexxa fuq karru l-istatwa ta' Ġuditta biex fl-aħħar tal-marċ titpoġġa fuq il-pedestall tagħha fil-pjazza. Is-Sur Gabriel Pullicino, dak iż-żmien Segretarju tal-Każin San Gabriel, ġieh il-ħsieb li ssir statwa ta' San Gabriel biex hi tibda tinġarr waqt il-marċ. Fuq l-inizjattiva tiegħu bdew jinġabru l-fondi, u meta kellu biżżejjed qabbad lill-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi biex jagħmel ix-xogħol. B'kollox l-istatwa swiet Lm500. L-istatwa nġiebet Ħal Balzan it-Tlieta 6 ta' Lulju 1993 fost il-briju tal-partitarji. Il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 1993 ittellgħet għall-ewwel darba fuq pedestall li fuqu kienet titpoġġa l-istatwa tal-Papa Alessandru VII. Dan ġie rranġat mill-ħsarat li kellu fl-injam, żdiedet l-iskultura biex jissebbaħ iżjed u ġie miżbugħ u rħamat minn membri tal-Każin San Gabriel. Il-pedestall tpoġġa fejn it-taraġ tal-każin, fejn kien jitpoġġa meta fuqu kienet titqiegħed l-istatwa tal-Papa.[30] Fl-1994 inħadem pedestall u bradella bil-bsaten biex ikun jista' jinġarr waqt il-marċ. Dan il-pedestall kien maħdum mill-Imgħallem Balzani Victor Brincat ta' Venven. Fl-2008 din l-istatwa ġiet irrestawrata mill-artist li ħadimha, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi.[31]

**Referenzi**

1 *Ħal Balzan,* Jannar/Frar, 1976, p. 4

2 Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 1990, p. 17.

[3] Informazzjoni mgħoddija lili mis-Sur Lino Borg.

[4] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2004, p. 55.

[5] Il-Papa Ljun XIII kien il-257 Papa li mexxa l-Knisja Kattolika bejn l-1878 sal-1903. Miet fl-għomor ta' 93 sena fl-20 ta' Lulju 1903.

[6] *Malta*, 30.03.1900, p. 2. Wara l-gwerra l-Każin ma baqax magħruf bħala *Casino L'Annunziata* iżda sar magħruf bħala Każin Marija Annunzjata.

[7] Bħalma ġieli ktibt il-pjazza li naraw illum kienet maqsuma f'żewġ pjazez. Waħda ħdejn il-knisja u l-oħra ħdejn il-każin Marija Annunzjata. Dawn iż-żewġ pjazez kienu magħquda flimkien bi triq. Ara Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2005, p. 37-39.

[8] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2006 p. 42.

[9] *Ħal Balzan*, Ottubru/Diċembru, 1980, p. 4

[10] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2001, p. 37.

[11] *Min-Nieqa*, April/Awwissu 1984, p. 4

[12] A. Mangion u K. Zerafa, *Santa Katarina, il-festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq,* Soċjetà Mużikali Santa Katarina, 1989.

[13] *Malta,* 25.02.1901, p. 2

[14] Informazzjoni mgħoddija lili mis-Sur Lino Borg.

[15] *Enċiklopedija Biblika,* Ed. Donat Spiteri, Media Centre 2003, u l-Bibbja, Għaqda Biblika, Media Centre 1984.

[16] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2002, p. 49-51.

[17] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 1989, p. 17. Ħadd ma jagħti l-isem ta' dan l-istatwarju, iżda f'dawk iż-żminijiet f'Ħal Qormi kien hemm jaħdem l-istatwarju Karmenu Mallia magħruf bħala l-Lhudi (1869-1931). Hu kien tgħallem is-sengħa tal-kartapesta taħt Karlu Darmanin, u li meta dan tal-aħħar miet, Mallia kien xtara numru ta' forom ta' wċuħ mingħandu. Għalhekk xi xogħol tiegħu jixbah lil dak ta' Darmanin. Xogħol tiegħu jinsab in-Nadur u fiż-żewġ parroċċi ta' Ħal Qormi. Tiegħu wkoll huma l-istatwi titulari ta' Santa Venera u San Pawl il-Baħar. Hu kien l-iżjed magħruf għall-anġli sbieħ u figuri Bibliċi tant li laqmuh il-Lhudi. Ara *Leħen is-Sewwa*, 02.07.1980, p.7.

[18] *Ħal Balzan*, Lulju/Awwissu, 1975 p. 8.

[19] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2002, p. 51.

[20] *Il-Progress,* 09.04.1926, p. 2, u *Malta*, 05.04.1926, p. 2.

[21] Ġ. Dimech, *Ħal Balzan u ġrajjietu sal-1999,* Kunsill Lokali Ħal Balzan, 1999, p. 447.

[22] *Ħal Balzan,* Lulju/Awwissu 1976, p. 7.

[23] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 2001, p. 61.

[24] *Ħal Balzan,* Lulju/Awwissu, 1976, p. 7.

[25] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin Marija 1994, p. 41.

[26] Informazzjoni mgħoddija lili mis-Sur Lino Borg.

[27] Programm tal-Festa Marija Annunzjata maħruġ mill-każin San Gabriel 1990, p. 17.

[28] Ibid., 2006, p. 106.

[29] Ibid., 2007, p. 59.

[30] Ibid., 1993, p. 35.

[31] Ibid., 2009, p. 51.